

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 75/2014**tas-27 ta' Jannar 2014****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni li jxekklu l-proċess ta' paċi u li jiksru l-liġi internazzjonali fil-konflitt tar-reġjun tad-Darfur fis-Sudan**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni li jxekklu l-proċess ta' paċi u li jiksru l-liġi internazzjonali fil-konflitt tar-reġjun tad-Darfur fis-Sudan ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1184/2005 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fit-13 ta' Marzu 2013 il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC) ddeċieda

li jemenda erba' annotazzjonijiet fil-lista. Barra minn hekk, fl-4 ta' Settembru 2013, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU ddeċieda li jemenda ulterjorament annotazzjoni waħda mil-lista.

- (3) Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1184/2005 għandu jiġi aġġornat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1184/2005 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament huwa vinkolanti fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,**Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

⁽¹⁾ ĠU L 193, 23.7.2005, p. 9.

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1184/2005, huwa emendat kif ġej:

- (1) L-annotazzjoni "Gaffar Mohammed **Elhassan** (*alias* Gaffar Mohmed Elhassan). Titolu: Maġġur Ġenerali. Kariga: Kmandant tar-Reġun Militari tal-Punent għall-Forza tal-Ajru tas-Sudan. Data tat-twelid: 24.6.1953." tiġi sostitwita b'dan li ġej:
"Gaffar Mohammed **Elhassan** (*alias* Gaffar Mohmed Elhassan). Data tat-twelid: 24.6.1952. Tagħrif ieħor: (a) irtirat mill-Armata Sudaniża, (b) jirreżjedi f'El Waha, Omdurman, is-Sudan, (c) Nru tal-Karta ta' Identifikazzjoni bħala li kien persuna fil-militar: 4302."
 - (2) L-annotazzjoni "Gabril Abdul Kareem **Badri** (*alias* Gabril Abdul Kareem **Barey**). Titolu: Ġeneral. Kariga: Kmandant fl-armata tal-Moviment Nazzjonali għar-Riforma u l-Iżvilupp." tiġi sostitwita b'dan li ġej:
"Gabril Abdul Kareem **Barey** (*alias* (a) Gibril Abdul Kareem Barey, (b) Tek). Titolu: Ġeneral. Kariga: Kmandant fl-armata tal-Moviment Nazzjonali għar-Riforma u l-Iżvilupp (NMRD). Tagħrif ieħor: Residenti f'Tine, fuq in-naħa Sudaniża tal-fruntiera maċ-Cad."
 - (3) L-annotazzjoni "Sheikh Musa HILAL. Tagħrif ieħor: Kap Suprem tat-Tribù ta' Jalul fid-Darfur tat-Tramuntana." gtiġi sostitwita b'dan li ġej:
"Sheikh Musa **Hilal**. Kariga: (a) Membru tal-Assemblea Nazzjonali tas-Sudan, (b) Konsulent speċjali lill-Ministeru għall-Affarijiet Federali (maħtur mill-President tas-Sudan fl-2008)."
 - (4) L-annotazzjoni "Adam Yacub SĦANT. Tagħrif ieħor: Kmandant tal-Armata għal-Liberazzjoni tas-Sudan" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:
"Adam Yacub **Sharif** (*alias* (a) Adam Yacub Shant, (b) Adam Yacoub). Data tat-twelid: madwar l-1976. Tagħrif ieħor: Irrappurtat mejjet fis-7 ta' Ġunju 2012."
-